MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 2230/2004

**Domestica Limited**

**vs**

**Paul u Winnifred konjugi Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Novembru, 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tliet mija, sebgha u sebghin lira, tlettax il-centezmu (Lm 377.13), rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` ghamara debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri legali tas-27 ta` April, 2004 u ta` l-4 ta` Mejju, 2004 u bl-imghaxijiet legali mid-

data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti datata 18 ta` Marzu, 2005 fejn ikkontestaw it-talba attrici peress illi jallegaw li s-socjeta` attrici ghadha ma kkonsenjatx l-ghamara kollha li ghaliha qed tippretendi l-hlas.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut Paul Fenech jikkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici kien fil-fatt korrett pero` jispjega li huwa kien ghadu ma hallasx l-istess ghas-saldu peress illi kien ghadu ma sarx speci ta` xambrella ossia tip ta` skirting mad-dawra ta` fuq ta` l-ghamara mqieghda u kif ukoll li ma gewx konsenjati lilu xi “stools” li kienu miftiehma fuqhom verbalment.

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta bhala fatt pacifiku illi l-banketti ma kienux inkluzi fl-ordni maghmula izda l-konvenut jinsisti li dawn kienu gew imwieghdha lilu verbalment fil-bidu meta kien qed jaghmel l-ordni ma` certu Sammut li kien il-mastrudaxxa tieghu pero` li kien jahdem ukoll mas-socjeta` attrici. Is-Sur Lawrence Sammut jikkonferma li l-ewwel diskors dwar l-ordni kienet saret mieghu qabel ma ghadda dan il-kaz lil Manwel Dimech pero` dwar l-ordni specifika tal-kcina ftit li xejn seta` jzid peress illi meta l-konvenut waqqaf l-ordni fuq il-kmamar tas-sodda sabiex jikkoncentraw aktar fuq il-kcina, dan ix-xhud kien gia` hareg mix-xena.

L-ordni relattiva tinsab dokumentata tramite d-dokument ezebit a fol. 20 tal-process, immarkat Dok. LVS 1, dwar liema dokument il-konvenut stess jikkonferma li din kienet tikkontjeni korrettament l-ordni maghmula minnu. Minn dan l-istess dokument jidher li l-pretenzjoni tal-konvenuti fil-fatt ma tinsabx inkluza. Inoltre, ix-xhud Manwel Dimech li kien il-persuna li originarjament ha l-ordni minghand il-

konvenuti jistqarr illi "minn dawk illi ordnaw mieghi fuq il-kcina ma fadal xejn iktar x'jigi konsenjat". Ma jidhirlux li l-ordni ta` siggijiet kancellati kienet giet sostitwita b'xi bankijiet.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li filwaqt li s-socjeta` attrici gabet provi soddisfacenti dwar il-fatt li hija kienet ezegwit *in toto* l-ordni lilha moghtija, mill-banda l-ohra, l-konvenut naqas li jikkonvinci lit-Tribunal li l-pretenzjoni tieghu kienet b'xi mod anke verbali nkluza fl-ordni relattiva.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` Lm 377.13, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------